MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47 (STR)

It-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (appros 50)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nil

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is- Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 47.1 Immaniġġjar tat-traffiku waqt ix-xogħlijiet tat-trinek tal-ENEMALTA;

47.1.1 Is-Sindku JC informa li l-għan ta' din il-laqgħa huwa propju biex jiġi diskuss is-sistema ta' mmaniġġjar tat-traffiku fl-aħħar fażi tax-xogħolijiet.

47.1.2 Is-Sindku qal li x-xoghol li qed isir huwa tal-Enemalta, bi Transport Malta tkun ir-regolatur. Huwa żied jgħid li x-xogħol li baqa' huwa fi triq responsabilta' ta' Transport Malta minħabba li hija triq distributorja.

47.1.3 Is-Sindku qal li Transport Malta oriġinarjament ipproponew li jkun hemm dħul lejn Birżebbuġa minn naħa ta' San Ġorġ, filwaqt li jkun hemm ħruġ wieħed, minn Ħal Far. Huwa informa li huwa kontra din is-sistema.

47.1.4 Il-Kunsillier AC informa li l-laqgħa ma' Transport Malta u l-partijiet involuti ġiet mgħajta ta' malajr wara ħafna postponimenti, b'nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsillieri, li għandhom ix-xogħol tagħhom.

47.1.5 Il-Kunsillier AC kompla informa b'dak li intqal fil-laqgħa, fejn semma li Transport Malta kienet diġa' preparata bid-deċiżjoni ta' għeluq għal direzzjoni waħda,u li t-Trasport Pubbliku kien ser jgħaddi xorta.

47.1.6 Il-Viċi Sindku JB irrimarka li t-triq in kwistjoni mhijiex kollha responsabilta' ta' Transport Malta, iżda dan l-aspett jiġi interpretat differenti skont il-każ. Huwa qal li ġaladarba ser jgħaddi t-Trasport Pubbliku, li huma vetturi kbar, għandu jgħaddi kulħadd, inkluż vetturi zgħar.

47.1.7 Il-Kunsillier AC irrimarka li waqt ix-xogħolijiet ma hemmx lanqas siġurta' biżżejjed, l-*barriers* mhux qed ikunu kif suppost. Madankollu is-Sindku u l-Viċi Sindku ikkonfermaw li l-*barriers* kienu anke qed jitwaħħlu b'vireg, iżda dawn kienu qed jiċċaqalqu minn terzi persuna, att ta' vandaliżmu.

47.1.8 Il-Kunsill qabel li dawn ix-xogħliiet, ser tgawdi minnhom Birżebbuġa minħabba miljorament u tisħiħ tas-servizzi, kif ukoll uċuħ ta' toroq ġodda.

47.1.9 Il-Kunsillier SZ irrimarka li kull b'darba li sar xogħol simili, Triq Birżebbuġa dejjem tħalliet f'żewġ direzzjonijiet, u hi ta' min hi t-triq, għandu jiġi addottat dan il-kunċett, la darba il-Kunsill mhux infurmat b'xi problema teknika u valida li dan ma jistax isir.

47.1.10 Il-Kunsill innota li dan kollu jindika ċar il-bżonn ta' *by-pass*.

47.1.11 Il-Kunsillieri JBO, JBD u LAG qablu unanimant mal-punti kollha imsemmija, u ressqu l-punti tagħhom f'dan ir-rigward.

47.1.12 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill mhuwiex ir-regolatur, iżda l-Kunsill għandu juża l-mezzi kollha possibli sabiex joġġezzjona għal għeluq ta' Triq Birżebbuġa kif propost. Il-membri preżenti qablu unanimament li jintużaw l-għodda kollha disponibbli sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tal-komunita'.

47.1.13 Is-Sindku informa li x-xogħolijiet tal-Enemalta huma ppjanati li jkunu lesti sal-aħħar ta' Mejju.

47.1.14 Il-Viċi Sinku flimkien mal-Kunsillier SZ ressqu mozzjoni:

Ġadarba waqt ix-xogħolijiet fi Triq Birżebbuga ser jgħaddi Trasport Pubbliku, għandu jagħddi kullhadd, u dan billi it-triq tibqa tintuża b'żewġ direzzjonijiet kif qegħda fil-preżent permezz ta sistema adekwata u effiċjenti, inkluż avviżi qabel tasal għaż-żona, li jinkludi anke f'lokalitajiet oħra bħal eżempju Ħal Għaxaq, Bir id-Deheb, Santa Luċija, Marsa, etc. Dan kollu bl-intenzjoni l-Kunisll jikkopera kemm mal-Enemalta, kemm mar-Regolatur, kif ukoll mal-komunita ta' Birżebbuġa.

Il-Kunsillier AC issekonda l-mozzjoni.

Ittieħed vot, ir-riżultat ikun favur unanimament.

Il-laqgħa intemmet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 21 ta' Mejju, 2018.

| | |
|---|---|
| [Iffirmati] | [Iffirmati] |
| Joseph Baldacchino<br>Viċi Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |